




# Sala Mużikali Ġdida

Kitba ta' Charles Debono

Ġrajja oħra important fil-ħajja soċjali u kulturali tas-Soċjeta' tagħna seħħet is-sena l-oħra ġimgħa qabel il-festa meta ġiet inawgurata s-sala mużikali ġdida. L-inawgurazzjoni saret mill-President l-E.T. Dr. Alex Cachia Zammit li lilu ġiet iddedikata din is-sala. Din is-sala li qabel kienet tintuża bħala 'billiard room' għandha sinjifikat speċjali għas-soċjeta' tagħna.

Il-Perit Ruben Abela fir-riċerka tiegħu ippuiblikata fil-ħarġa tas-sena l-oħra għamel valutazzjoni serja tal-binja kollha tal-palazz fejn jinsab il-każin. Hekku li din is-sala flimkien ma' l-entratura l-antika u l-prospettiva barokka li hemm tiddomina l-bieb prinċipali l-antik ta' Triq Santa Katarina, flimkien mal-ġnien ta' biswit kienu jiffurmaw l-ewwel binja tal-palazz fi żmien ta' wara li mbniet il-knisja parrokkjali. Aktar minn hekk, meta Gio Batta Diacono mar joqgħod f'din id-dar kompla żied is-swali ta' quddiem. Pero' ta' interess speċjali għalina hija d-dekorazzjoni li nsibu fis-saqaf troll tas-sala. Żewġ armi tal-familji Diacono u Busuttil jiddominaw is-saqaf. Dawn kienu l-armi tal-familji Diacono u ta' Busuttil li kien il-kunjom ta' l-ewwel mara li kellu GioBatta Diacono u li kienet minn Nadur. Fuq in-naħa l-oħra faċċata ta' dawn l-armi insibu l-inizjali tal-koppja Diacono bid-data 1813. Din hija d-data jew ta' meta il-koppja Diacono marru joqogħdu ġo fiha, jew meta ġiet iddekorata is-sala. Hija ħaġa ċerta pero' illi dan GioBatta kien joqgħod f'dan il-palazz fl-1827 kif tixhed kopja ta' dokument li qed nippublikaw bid-data, l-indirizz u l-laqam tal-familja - 'despaċċ'. (1) Interessanti li taħt din id-dekorazzjoni instabu partijiet minn dekorazzjoni oħra aktar antika u aktarx dik oriġinali.

Ta' interess partikulari għalina wkoll huwa ir-rużun li hemm fin-nofs tas-saqaf. Dan juri anġlu intajjar bl-arpa f'idejh. Kif nafu kien dan GioBatta Diacono illi waqqaf l-Orkestra taż-Żejtun u allura wieħed jista' faċilment jipotizza illi f'din is-sala ewlenija tal-palazz kienet tiltaqa' u tati l-kunċerti din l-orkestra Żejtunija.

Ta' min iżid ukoll illi din is-sala hija arkitettonikament perfetta u għalhekk il-kumitat ħaseb biex bħal dejjem jagħmel l-affarijiet kif jixirqu. Benefattur ewlieni f'dan il-proġett kien il-President l-E.T. Dr. A. Cachia Zammit li għen finanzjarjament biex seta' jseħħ dan il-proġett. Kemm ir-restawr tas-saqaf minn Brian Caruana kif ukoll l-irħam lussuż li jżejjen din is-sala huma rigal tiegħu. Id-disinn perfett ta' l-irħam huwa xogħol il-Perit V. Cintorino li għaraf joħloq disinn li kompla sebbaħ lil din is-sala. Kienu bosta dawk il-membri

"Benefattur ewlieni f'dan il-proġett kien il-President l-E.T. Dr. A. Cachia Zammit"



tal-Kumitat u membri tas-Soċjeta' li ħadmu bla heda u bla ħlas sabiex seta' jsir manutenzjoni ġenerali tas-sala. Il-Kumitat ħa diversi deċiżjonijiet important sabiex jagħmel minn din is-sala attrazzjoni speċjali ġewwa l-każin. Hekk per eżempju ġie deċiż illi l-arkivju mużikali jinżel f'din is-sala biex jitgawda s-sena kollha. Biex ikompli jagħmel minn din is-sala attrazzjoni mill-aqwa il-pjanu personali tal-magħruf kompożitur Żejtuni u ex Surmast tal-banda Beland Carlo Diacono sab ukoll postu f'parti prominenti tas-sala. Dan il-pjanu huwa rigal personali lis-Soċjeta' minn bint l-istess kompożitur s-Sinjura Maria Falzon li għall-istess okkażjoni ippreżentat ukoll għall-istess sala ċertifikat awtentiku li kien rebaħ il-papa' tagħha fil-British Empire Exhibition fl-1924 fejn ingħata it-tielet premju għall-kompożizzjoni tiegħu.



| Nome | Agnome | Strada | Numero |
|---|---|---|---|
| Sig. Gio. Batta Diacono | Busbaw | S. Caterina | 2. |
| Sig. Saverio Buggja | Busbiew | D.° | 50 |
| Sig. Giuseppe Caruana | Ta Sciam | D.° | 5. |
| Sig. Antonio Naudi | ------ | D.° | 17. |
| Sig. Costantino Spiteri | Terrieri | D.° | 18. |
| Sig. Saverio Diacono | Busbaw | Consiglio | 18. |
| Sig. Salvadore Buggja | Busbiew | Consiglio | 4. |
| Sig. Giuseppe Vella | Billiea | Della Vita | 5. |

*Silta mid-dokument li juri ir-residenza ta' Giobatta Diacono fl-1829*

Fuq l-istess pjanu insibu wkoll tazza tal-fidda mogħtija lill-istess Diacono mill-Kumitat tat-Teatru Rjali fl-okkazjoni ta' l-opera tiegħu 'L'Alpino' fl-1918. Jakkumpanjaw lill-pjanu fuq kull naħa żewġ ritratti mdaqqsa xogħol bil-lapes mill-pittur Żejtuni Ġużeppi Caruana li juru iż-żewġ pilastri tas-Soċjeta' tagħna - Paolino Vassallo u Carlo Diacono. Tiddomina fuq kollox pittura tal-qaddisa patruna tal-mużika Santa Cecilja, xogħol il-pittur Żejtuni Twanny Spagnol u irregalata mill-mibki Mose' Cassar.

Naturalment ħaġa taqla' lill-oħra u kollox sar skond kif titlob is-sengħa. Hekku li anke l-purtieri inxtraw u inħietu skond kif titlob is-sengħa u l-istil tas-sala. Il-Kumitat ħaseb ukoll biex iżejjen kif jixraq din is-sala b'żewġ brazzi kbar tal-kristall fin tad-ditta Zvarovski, filwaqt li l-President irregala żewġ komodini antiki biex jitpoġġew taħt iż-żewġ plakek kommemorattivi ta' l-okkażjoni. Iżejnu l-erba' kantunieri tas-sala tpoġġew erba stendardi tas-Soċjeta' b'lasti u apparat ġdid xogħol Spiru Buttiġieġ. Sabiex it-tiżjin ikun komplut f'nofs is-sala tpoġġiet mejda antika tal-biskuttin li fuqha tqiegħed kandelabru tal-kristall Zvarovski rigal tas-Sur Cassar.

L-attendenza numeruża li ħonqot il-każin għall-inawgurazzjoni kienet xhieda biżżejjed ta' l-istennija kbira għal dan il-proġett. Kull min kien preżenti għall-inawgurazzjoni kif ukoll dawk li żaru din is-sala fil-ġranet tal-festa kienu kollha kliem ta' tifħir u ta' sodisfazzjon għal dak kollu li taf tagħmel is-Soċjeta' glorjuża tagħna. J'Alla inkomplu inħabirku biex inlestu ix-xogħol li għad fadal isir biex inkunu nistgħu nesponu ir-rikkezzi kulturali li għad fadlilna x'nuru, u li bihom inkomplu ngħollu l-isem tas-Soċjeta' tagħna. ■




